# QORTI KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum it-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2001**

**Att ta' Akkuza nru. 14/2000**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Josef Farrugia**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza nru. 14 tas-sena 2000;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tas-17 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha huwa ceda u irtira l-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza;

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Generali ta' l-10 ta' Mejju, 2001 li permezz tieghu talab korrezzjoni fit-tieni kap ta' l-istess Att ta' Akkuza; rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-Tnejn, 21 ta' Mejju, 2001 li permezz tieghu l-akkuzat ta l-kunsens tieghu ghal din il-korrezzjoni, kif ukoll il-verbal li bih il-prosekuzzjoni u d-difiza qablu li l-akkuza migjuba fit-tieni kap hija dik ta' bejgh ta' droga ristretta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 31 u tar-regolamenti maghmula taht l-istess Kapitolu;

Semghet lil Josef Farrugia iwiegeb, fl-imsemmija udjenza tal-21 ta' Mejju, 2001, li huwa hati skond **it-tieni** u skond **ir-raba'** kapi tal-Att ta' Akkuza, f'liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li gie imwissi b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u nghata zmien biex jahsibha u, jekk irid, jerga' lura minnha, u dan kif jipprovdi l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali;

Semghet il-verdett tal-gurati, moghti nhar il-Hamis, 24 ta' Mejju, 2001, li bih b'sitt voti favur u tlieta kontra, sabu lill-istess Josef Farrugia hati skond **it-tielet** kap ta' l-Att ta' Akkuza; <u>il-gurati fl-istess verdett talbu wkoll, fit-termini ta' l-Artikolu 484 ta' l-imsemmi Kodici, li din il-Qorti turi hniena mal-hati "minhabba diversi fatturi ohra kontributorji"</u>;

Tiddikjara lil Josef Farrugia hati talli biegh medicina psikotropika ristretta (cioe` medicina li tinsab fit-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Kap. 31) bi ksur tal-ligi, u dan skond it-tieni kap ta' l-Att ta' Akkuza; tiddikjarah hati ta' omicidju involontarju, u cioe` talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-art jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' persuna, u dan skond it-tielet kap ta' l-Att ta' Akkuza; tiddikjarah hati wkoll talli kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis*, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-ligi, u dan skond ir-raba' kap tal-istess Att ta' Akkuza; tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel kap stante li dan gie irtirat;

Semghet lill-Avukat Dott. Leon Bencini u lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said dwar il-piena; semghet ukoll fir-rigward tal-piena id-diversi xhieda prodotti fl-udjenza tal-Gimgha, 25 ta' Mejju, 2001;

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u b'mod partikolari s-segwenti cirkostanzi:

1. l-eta` tal-hati, li llum ghandu 22 sena (jaghlaq 23 f'Gunju ta' din is-sena);

2. il-fedina penali nadifa tieghu kif kienet meta huwa tressaq akkuzat in konnessjoni ma' dan il-kaz fl-4 ta' Dicembru, 1998;

3. il-fatt li huwa ammetta it-tieni u r-raba' kapi, u li ghalhekk certament fir-rigward ta' dawn il-kapi hemm lok li din il-Qorti tikkunsidra l-linji gwida minnha stess enuncjati fis-sentenza taghha tal-24 ta' Frar, 1997 fil-kawza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi*** meta jkun hemm ammissjoni;

4. li f'dana l-kaz huwa applikabbli l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 (rez applikabbli ghall-kazijiet taht il-Kap. 31 bis-subartikolu (2B) tal-Artikolu 120A tal-istess Kap. 31), artikolu li jipprovdi ghal tnaqqis fil-piena meta l-hati jkun ghen lill-pulizija sabiex taqbad lill-persuna li tkun ipprovditilha d-droga;

5. ghalkemm fil-parti espositiva tat-tielet kap ta' l-Att ta' Akkuza l-Avukat Generali allega li Josef Farrugia "kien maghruf ghat-tmexxija tad-droga Ecstasy", fis-sens li donnu dan kien xi traffikant ta' din id-droga, mill-provi ma rrisulta xejn minn dan. Dak li rrisulta huwa li grupp ta' zghazagh hbieb ta' xulxin iddecidew, fl-okkazzjoni ta' zewg *parties* kummercjali, li jiehdu l-Ecstasy; f'okkazzjoni minnhom xtraw minghand persuna, u fit-tieni okkazzjoni xtraw minghand persuna ohra. Kienet f'din it-tieni okkazzjoni li Farrugia intriga biex imur hu igib il-pilloli minghand din il-persuna. Ghalkemm Farrugia ammetta l-akkuza li bejgh l-Ecstasy, din il-Qorti, aktar milli kaz ta' bejgh, tara li dan kien kaz ta' pussess ta' din id-droga, liema pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur (Farrugia), u dan peress li l-imsemmi Farrugia, bil-flus li tawh shabu (inkluz il-mejjet Schembri), xtara l-pilloli u in segwitu qassamhom lil min kien talbu jixtrihom: zewg pilloli lil BB, zewg pilloli ohra lil RS u pillola wahda lil

Sammy Schembri. Il-hati stess ha wkoll minn dawn il-pilloli. Il-ligi, pero`, tekwipara l-pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-hati mal-bejgh u mat-traffikar ghal dik li hi piena;

6. f'dan il-kaz, kif tajjeb osservaw il-gurati fil-verdett taghhom, kien hemm element qawwi ta' kontributorjeta` ghal dak li gara lil Sammy Schembri. L-istampa li temergi mill-provi hi wahda ta' "peer pressure", fejn fost dan il-grupp ta' zghazagh – u probabbilment anke fost zghazagh ohra li jattendu diskoteki u *parties* kummercjali – hemm sotto-kultura li kwazi tezigi l-uzu tal-Ecstasy jew stimulanti ohra. In fatti haga li rrabjat u addirittura xxokkjat lil din il-Qorti hija d-dizinvoltura u l-leggerezza li biha z-zghazagh li xehedu f'dan il-kaz kienu jibilghu din id-droga, minkejja li kienu jafu li din id-droga hija llegali. F'certu sens l-MDMA (ossia l-Ecstasy) hija droga aktar insidjuza minn drogi ohra perikoluzi, u dan peress li ghandha l-"apparenza", cioe` taghti lil dak li jkun x'jifhem, li hija droga mhux perikoluza li l-effett taghha huwa biss li dak li jkun jibqa' jaqbez u jizfen ghal sieghat shah. Anqas tirrikjedi – bhall-erojina jew il-kokajina – xi preparamenti partikolari biex issajjarha jew biex tamministraha, ghax din tigi f'forma ta' pilloli lesti biex jinbelghu b'facilita` liema bhala. Pero` fil-fatt (kif anke rrisulta mill-provi li nstemghu fil-kors tal-guri, u senjatament mid-deposizzjonijiet tad-diversi esperti) l-MDMA, apparti li hija droga li llum hi meqjusa li ma ghandha ebda valur terapewtiku (ghalhekk hija "ristretta", ghax anqas tista' tigi preskritta mit-tobba), dejjem tikkawza hsara fil-mohh ta' min jehodha. Anke pillola wahda, mehuda ghall-ewwel darba, tista' tikkaguna hsara rreparabbli fic-celluli tal-mohh, anke jekk din il-hsara ma tkunx percettibbli mill-ewwel minn min jiehu dik il-pillola. Skond il-metabolizmu ta' dak li jkun pillola wahda tista' – kif effettivament gara f'dan il-kaz – ittella' t-temperatura tal-gisem b'tali mod li prattikament tixwi l-mohh u tikkawza kollass tad-diversi organi tal-gisem – il-qalb, il-fwied, il-kliewi, ecc. Ma hemmx "doza" ta' MDMA li hija "*safe*" (u, per konsegwenza, anqas jista' wiehed jitkellem dwar "*overdose*"); anke pillola wahda, mehuda ghall-ewwel darba, tista' tikkaguna reazzjoni fatali, bhalma gara f'dan il-kaz. Min jiehu pillola kontenenti l-MDMA ikun qieghed, kif fisser tajjeb l-espert Dott. Michael Sammut, jilghab ir-rulett Russu, ipoggi hajtu f'riskju billi deliberatament jaghmel xi haga sabiex ihalli f'idejn ir-regoli tal-probabbilita`. Dan kollu qed tghidu din il-Qorti bhala forma ta' appell liz-zghazagh biex ma jkunux boloh. Il-hajja hi prezzjuza; fil-kors normali ta' l-affarijiet diga hemm perikoli bizzejjed ghall-hajja gejjin mill-mard, minn fenomeni naturali, minn incidenti ta' kull xorta u mit-tniggiz (taht kull sura) ta' l-ambjent. Ma jaghmilx sens li wiehed izid ma' dawn il-perikoli billi jiehu dan it-tip ta' droga.

7. illum il-hati Farrugia hu wkoll tossikodipendenti fuq l-erojina; huwa rega' waqa' ghall-uzu ta' din id-droga wara t-trawma li ghadda minnha in segwitu ghall-mewt ta' siehbu Sammy Schembri. Huwa qed jikkoopera ma' ufficjali tas-Sedqa bil-ghan li jkun jista' jibda programm residenzjali ghar-riabilitazzjoni tieghu minn din il-problema ta' tossikodipendenza. Din il-

Qorti tittama li huwa jibqa' juri dina d-determinazzjoni anke fil-habs, u li minn hemm ikun jista' jibda fuq wiehed mill-programmi li huma offruti lill-prigunieri f'dan ir-rigward.

Rat l-Artkoli 2, 8(d), 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 29 tal-Kap. 101; ir-regolamenti 2 u 3(1) ta' l-Avviz Legali 22 ta' l-1985; l-Artikolu 120A(1)(a)(2)(a)(i)(2B) tal-Kap. 31; u l-Artikoli 11, 17, 22 u 225 tal-Kap. 9;

Tikkundanna lill-imsemmi Josef Farrugia ghall-piena ta' erba' (4) snin u erba' (4) xhur prigunerija (mill-liema periodu ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz fil-kors ta' l-istruttorja) u multa ta' elf u erba' mitt lira (Lm1,400), konvertibbli fi tlett xhur prigunarija ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

(ft) Paul Miruzzi
Deputat Registratur